MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 183/2011

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Ignatius Zammit**
**Stephanie Cassar Torreggiani gia Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' attrici tat-23 ta' Frar 2011 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fit-tlett skritturi privati datati 24 ta' April 2000, (Dok. A), 13 ta' Settembru 2000 (Dok. B) u 18 ta' April 2001 (Dok. C), is-socjeta' attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Ignatius Zammit u Stephanie Cassar Torreggiani gia Zammit;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Ignatius Zammit u Stephanie Cassar Torreggiani gia Zammit fis-somma ta' disgha u sittin elf, seba' mija u tmienja u tletin ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€69,738.21) bilanc ghad-

debitu fil-”*Loan Accounts”* ta’ Ignatius Zammit u Stephanie Cassar Torreggiani gia Zammit mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. D1 sa D3, E1 sa E3 u Dok. F1 sa F4 u Dok. G1 sa G3) flimkien mal-imghax ulterjuri mis-17 ta’ Dicembru 2010 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dokumenti A, B u C rispettivament), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Ignatius Zammit u Stephanie Cassar Torreggiani gia Zammit
(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Ignatius Zammit u Stephanie Cassar Torreggiani gia Zammit li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici;

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

5. Illi l-konvenuti Ignatius Zammit u Stephanie Cassar Torreggiani gia Zammit gew interpellati permezz ta’ zewg ittri ufficjali datati 24 ta’ Awwissu 2005 u 7 ta’ Mejju 2009, li kopji taghhom qed jigu hawn ezibiti u mmarkati Dok. H u I rispettivament, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza;

Din il-procedura qed issir minghajr pregudizzju ghall-somom ohra ta’ flus dovuti mill-konvenuti lis-socjeta’ bankarja attrici, li ghalihom l-istess attrici qed tipprocedi f’gudizzju separat;

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, ighidu l-konvenuti ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl- skritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezebiti rispettivament bhala Dokumenti A, B u C) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Ignatius Zammit u Stephanie Cassar Torreggiani gia Zammit (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Ignatius Zammit u Stephanie Cassar Torreggiani gia Zammit li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici; u

2. Tikkundanna lil Ignatius Zammit u Stephanie Cassar Torreggiani gia Zammit jhallsu lis-socjeta' attrici flimkien u *in solidum* bejniethom s-somma ta' disgha u sittin elf, seba' mija u tmienja u tletin ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€69,738.21) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts"* ta' Ignatius Zammit u Stephanie Cassar Torreggiani gia Zammit mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. D1 sa D3, E1 sa E3 u Dok. F1 sa F4 u G1 sa G3) flimkien mal-imghax ulterjuri mis-17 ta' Dicembru 2010 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 24 ta' Awwissu 2005 u 7 ta' Mejju 2009 kontra l-konvenuti li huwa ingunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta' rikorrenti;

Rat li l-l-konvenuti debitament notifikati baqghu kontumaci;

Rat li s-socjeta' attrici irriduciet it-talba taghha ghas-somma ta' tmienja u sittin elf, sitt mija u sitta u sebghin ewro u sitta u sittin centezmu (€68,676.66), u dan permezz ta' nota fl-atti ppresentata fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2011;

Semghet ix-xhieda ta' Rose Cortis, Supervisor Legal Office tas-socjeta' attrici li kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont kif ridott ghadu kollu dovut sallum;

Il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lil konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici l-ammont ta' tmienja u sittin elf, sitt mija u sitta u sebghin ewro u sitta u sittin centezmu (€68,676.66), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kollha kif mitluba sal-jum tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------